



29.8.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019
(2018/2046(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: William (The Earl of) Dartmouth

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-Unjoni għandha aġenda għall-kummerċ dejjem aktar ambizzjuża, kif deskritta fl-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd"; jissottolinja l-bżonn li jingħata biżżejjed appoġġ politiku u amministrattiv biex jiġi żgurati li jkun jista' jintlaħaq qbil dwar negozjati kummerċjali fi ħdan skedi ta' żmien xierqa; jisħaq li għandu jiżdied il-finanzjament għal inizjattivi ta' Għajnuna għall-Kummerċ, u għandhom jiġu allokat i riżorsi suffiċjenti lid-DĠ Kummerċ tal-Kummissjoni sabiex dan ikun jista' jwettaq l-għadd dejjem akbar ta' attivitajiet, b'mod partikolari biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet inklużi kemm fil-ftehimiet bilaterali kif ukoll f'dawk multilaterali; jenfasizza l-importanza li jitwettqu valutazzjonijiet tal-prestazzjoni qabel, matul u wara l-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet sabiex tinkiseb strateġija aktar inklużiva; f'dan ir-rigward jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' data diżaggregata skont is-sessi; itenni l-ħtieġa li tiġi ffinanzjata b'mod adegwat l-implimentazzjoni tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ (TDI) sabiex jiġu promossi investigazzjonijiet rapidi u jkunu jistgħu jiġu adottati malajr; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurati li jkun disponibbli finanzjament suffiċjenti għall-kooperazzjoni u l-assistenza ma' pajjiżi terzi għall-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-aderenza tagħhom ma' inizjattivi u ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali, inklużi l-Arranġament ta' Wassenaar, il-Proċess Kimberley u l-Alleanza Internazzjonali għal Kummerċ Liberu mit-Torturi; jitlob li l-assistenza relatata mal-kummerċ tal-Unjoni għandha tpoġġi enfasi aktar b'saħħitha fuq l-appoġġ taż-żieda fil-kummerċ lokali u intrareġjonali fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab tagħna, u b'hekk jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku nazzjonali indipendenti u deġġiem ta' pajjiżi involuti; jitlob barra minn hekk lill-Kummissjoni tikkordina l-implimentazzjoni ta' din l-assistenza sabiex tkabbar l-effettività tagħha għall-ogħla livell possibbli;
2. Jisħaq li l-kummerċ internazzjonali huwa għodda ewlenija għall-politika barranija tal-Unjoni, li jekk tiġi ffinanzjata biżżejjed u implimentata bi strateġiji koerenti, tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli, partikolarment fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; iqis il-Politika Kummerċjali Komuni bħala waħda mill-għodod l-aktar b'saħħithom tal-Unjoni biex tindirizza l-kawżi tal-migrazzjoni;
3. Jisottolinja l-bżonn ta' riorganizzazzjoni komprensiva tal-baġit tal-Unjoni u l-istruttura tiegħu, inkluż rwol aktar ambizzjuż u sostantiv għall-Parlament Ewropew, fil-kuntest tar-rieżami tal-QFP li jmiss u fir-rigward tal-aġenda tal-politika kummerċjali, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-inizjattiva fuq dan fil-konfront tal-Kunsill u tal-Parlament;
4. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-għodod eżistenti mmirati lejn il-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs fir-rigward tal-koerenza tagħhom ma' strumenti oħra tal-Unjoni, ta' appoġġ għall-SMEs, kif ukoll fir-rigward tas-sussidjarjetà, in-nonduplikazzjoni u l-komplementarjetà relatati mal-programmi tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiffinanzja l-programmi ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u tagħmel hilita biex tipprovdi kalkolatur tar-regoli tal-oriġini mfassal apposta għall-SMEs li għandu b'mod speċifiku jippermettilhom li jużaw il-preferenzi

disponibbli skont il-ftehimiet eżistenti bil-ħsieb li tizzied ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi;

5. Jinnota li l-involviment tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali jista' jibbenefika l-leġittimità u l-effettività tal-Politika Kummerċjali Komuni, li ċ-ċittadini tal-Unjoni qed jitolbu dejjem aktar li jiġu informati u involuti fil-politika kummerċjali tal-Unjoni u li l-Kummissjoni għamlet dan l-interess taċ-ċittadini, prijorità; iqis li huwa kruċjali li jiġu allokati biżżejjed riżorsi sabiex iċ-ċittadini jiġu involuti b'mod attiv fit-tfassil tal-politika kummerċjali tal-Unjoni u biex jiżdied il-livell ta' sensibilizzazzjoni tal-benefiċċji tagħha fost iċ-ċittadini Ewropej; jappella għall-inklużjoni tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u l-Pjattaformi Konġunti, li s'issa mhumiex iffinanzjati biżżejjed, fid-djalogu taċ-ċittadini, peress li dawn huma l-mezz ewleni kif tista' tinkiseb parteċipazzjoni effettiva tas-soċjetà ċivili fl-infurzar u l-monitoraġġ tal-kapitoli dwar is-sostenibbiltà u l-kummerċ tal-ftehimiet kummerċjali; jappella għall-iżvilupp ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, li permezz tagħhom tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-amministrazzjoni doganali fil-livell nazzjonali u tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jwettqu rwol aktar attiv biex jispjegaw il-valur miżjud tal-politika tal-Unjoni għall-kummerċ, peress li huma l-istess Stati Membri li jifformulaw il-mandati ta' negozjar;
6. Jenfasizza li l-appoġġ tekniku u l-assistenza ekonomika relatati mal-kummerċ ipprovduti fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat lis-sħab tal-Unjoni fil-pajjiżi tal-fruntiera tal-Lvant kif ukoll lill-pajjiżi li għaddew mir-Rebbiegħa Għarbija, jikkostitwixxu kontribut importanti għall-istabbiltà f'dawn ir-reġjuni;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fi studju dwar il-kontribuzzjoni tal-politika kummerċjali tal-Unjoni biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs), inklużi rakkomandazzjonijiet sabiex il-politika tinġieb f'konformità mal-Aġenda 2030.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	29.8.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, Maria Arena, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christofer Fjellner, Karoline Graswander-Hainz, Yannick Jadot, France Jamet, Elsi Katainen, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, David Martin, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Franck Proust, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Bendt Bendtsen, Seán Kelly, Sander Loones, Bolesław G. Piecha, Fernando Ruas, Paul Rübig, Lola Sánchez Caldentey, Jarosław Wałęsa
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Nessa Childers

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ALDE	Elsi Katainen
ECR	Sander Loones, Emma McClarkin, Bolesław G. Piecha, Joachim Starbatty
EFDD	William (The Earl of) Dartmouth
PPE	Laima Liucija Andrikienė, Bendt Bendtsen, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christofer Fjellner, Seán Kelly, Sorin Moisă, Franck Proust, Fernando Ruas, Paul Rübig, Jarosław Wałęsa
S&D	Maria Arena, Nessa Childers, Karoline Graswander-Hainz, Bernd Lange, David Martin, Alessia Maria Mosca, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Joachim Schuster

3	-
ENF	France Jamet, Danilo Oscar Lancini
GUE/NGL	Anne-Marie Mineur

3	0
GUE/NGL	Lola Sánchez Caldentey, Helmut Scholz
VERTS/ALE	Yannick Jadot

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni